# 44. De Gustibus

Leħjet-ix-xiħ issib naqra ħamrija
ġo toqba f'wiċċ ta' blata u toqgħod tbajjad
is-sena sħiħa donnha mhix mis-saltna
tal-ħaxix aħdar.

Xitlet il-ġewż ġor-rmied u l-lava sewda
f'dahar il-munġbell tmidd il-għeruq u terda'
is-sugu żejti u timla bl-akbar benna
l-ibtan tal-ġewż.

Mejjet fis-sajf u ħaj ix-xitwa kollha
il-ħażiż ħajtu jqatta' jdabbar bl-isfar
il-ġebel il-minġur tal-bonavostri
u z-zkuk tat-tin.

Tursin il-bir iħalli d-dawl u jħaddar
id-dlam tal-bir, ferħan li jekk il-bieba
tinfetaħ, is-sallura tarah fl-għoli
bħal sħaba ħadra.

Kulħadd gostih; sa lanqas rokna mwarrba
issib xi warda jew xi xitla tħobbha:
ommna n-Natura l-ebda mkien ma tħalli
mingħajr sbuħija.